SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

25 ta' Lulju 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Raġunijiet għan-noneżekuzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 4 – Projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti – Kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti – Portata tal-eżami mwettaq mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni – Eżistenza ta' rikors fl-Istat Membru emittenti – Assigurazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru"

Fil-Kawża C-220/18 PPU,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Bremen, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum, fil-proċedura relatata mal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra

**ML**

fil-preżenza ta':

**Generalstaatsanwaltschaft Bremen,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, J. C. Bonichot, A. Arabadjiev, S. Rodin u E. Regan (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Ġunju 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal ML, minn A. Jung, Rechtsanwalt,

– għall-Generalstaatsanwaltschaft Bremen, minn M. Glasbrenner, Oberstaatsanwalt,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u M. Hellmann, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Belġjan, minn C. Van Lul, C. Pochet u A. Honhon, bħala aġenti,

– għall-Gvern Daniż, minn M. Søndahl Wolff, bħala aġent,

– għall-Irlanda, minn G. Mullan, BL,

– għall-Gvern Spanjol, minn Sampol Pucurull, bħala aġent,

– għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér u G. Tornyai, kif ukoll minn M. M. Tátrai, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn J. Langer, bħala aġent,

– għall-Gvern Rumen, minn E. Gane u C.-M. Florescu, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Troosters u S. Grünheid, bħala aġenti.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2018,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), kif ukoll tal-Artikolu 1(3), tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill (2002/584/ĠAI) tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Kwadru").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest tal-eżekuzzjoni, fil-Ġermanja, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fil-31 ta' Ottubru 2017 min-Nyíregyházi Járásbíróság (il-Qorti Distrettwali ta' Nyiregyháza, l-Ungerija) fil-konfront ta' ML sabiex tiġi eżegwita piena ta' ċaħda tal-libertà.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Il-Karta*

3 Skont l-Artikolu 4 tal-Karta, intitolat "Il-projbizzjoni tat-tortura jew tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti":

"Ħadd m'għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti."

4 L-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17) jispeċifikaw li "[i]d-dritt fl-Artikolu 4 [tal-Karta] jikkorrispondi għad-dritt iggarantit bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-'KEDB'), li għandu l-istess kliem [...]. Skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, għandu għalhekk l-istess sens u l-istess ambitu bħall-Artikolu tal-KEDB".

5 L-Artikolu 47 tal-Karta, intitolat "Id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali" jipprevedi:

"Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

[…]"

6 L-Artikolu 51 tal-Karta, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. […]"

7 L-Artikolu 52 tal-Karta, intitolat "L-ambitu u l-interpretazzjoni ta' drittijiet u ta' prinċipji", jipprovdi fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-[KEDB], it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-dispożizzjoni ma żżommx lil-liġi ta' l-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni aktar estensiva."

*Id-deċiżjoni kwadru*

8 Il-premessi 5 u 7 tad-deċiżjoni kwadru huma redatti kif ġej:

"(5) [L]-introduzzjoni ta' sistema ssimplifikata ġdida ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew suspettati għall-finijiet ta' esekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jew biex jiġu sottoposti għal azzjoni kriminali, jagħmilha possibbli li jitneħħew il-komplessità u l-potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti ta' l-estradizzjoni […] […]

(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew semma' bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

(7) Billi l-għan tas-sostituzzjoni tas-sistema ta' estradizzjoni multilaterali mibnija fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 ma jistax jintlaħaq sew mill-Istati Membri li jaġixxu unilateralment u jista' għalhekk, minħabba fl-iskala u fl-effetti tiegħu, jiġi milħuq aħjar fuq il-livell ta' l-Unjoni, il-Kunsill jista' jadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà msemmi fl-Artikolu 2 [UE] u l-Artikolu 5 [KE]. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu ta' l-aħħar, din id-Deċiżjoni ma tmurx 'il hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan."

9 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru, intitolat "Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligu li jiġi esegwit", jipprevedi:

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif imnizżla fl-Artikolu 6 [TUE]."

10 L-Artikoli 3, 4 u 4a tad-Deċiżjoni Kwadru jistipulaw ir-raġunijiet għan-noneżekuzzjoni obbligatorja u fakultattiva tal-mandat ta' arrest Ewropew. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 4(6) tad-deċiżjoni Kwadru, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew "jekk il-mandat ta' arrest Ewropew ġie maħruġ għall-finijiet ta' esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, fejn il-persuna rikjesta qed toqgħod fi, jew hi ċittadina jew residenta ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni u dak l-Istat jintrabat li jesegwixxi l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni skond il-liġi domestika tiegħu".

11 Skont l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Kwadru, intitolat "Garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat Membru f'każijiet partikolari":

"L-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew mill-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tista', mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni, tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

[...]

2) jekk ir-reat li abbażi tiegħu nħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew huwa punibbli b'piena ta' kustodja għal għomorha jew ordni ta' detenzjoni għal għomorha, l-esekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest tista' tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-Istat Membru emittenti jkollu dispożizzjonijiet fis-sistema legali tiegħu għal reviżjoni tal-piena jew tal-miżura imposta, fuq talba jew l-aktar tard wara 20 sena, jew għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' klemenza li għalihom il-persuna hi intitolata li tapplika taħt il-liġi jew prattika ta' l-Istat Membru emittenti, bl-iskop li ma tiġix esegwita din il-piena jew il-miżura;

3) fejn persuna li hi s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' azzjoni kriminali hi ċittadina jew residenta ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni, il-konsenja tista' tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-persuna, wara li tkun instemat, tiġi ritornata lill-Istat Membru ta' esekuzzjoni sabiex tiskonta hemmhekk il-piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni mogħtija [fil-konfront tagħha] fl-Istat Membru emittenti."

12 L-Artikolu 6 tad-deċiżjoni kwadru, intitolat "Determinazzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru emittenti li hi kompetenti biex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew permezz tal-liġi ta' dak l-Istat."

13 L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Kwadru, intitolat "Rikors lill-awtorità ċentrali", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kull Stat Membru jista' jinnomina awtorità ċentrali jew, meta s-sistema legali tiegħu hekk tipprovdi, aktar minn awtorità ċentrali waħda biex tassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti".

14 L-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Kwadru, intitolat "Deċiżjoni dwar il-konsenja", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha tiddeċiedi, fil-limiti ta' żmien u taħt il-kondizzjonijiet definiti f'din id-Deċiżjoni Kwadru, jekk il-persuna għandhiex tiġi kkonsenjata.

2. Jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni ssib li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru emittenti mhijiex suffiċjenti biex tiddeċiedi dwar il-konsenja, għandha titlob li l-informazzjoni supplementarja meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-Artikoli 3 sa 5 u l-Artikolu 8, tiġi mogħtija bħala kwistjoni ta' urġenza u tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien għall-wasla tagħha, waqt li tittieħed f'konsiderazzjoni l-ħtieġa li jkunu mħarsin il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 17.

3. L-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' fi kwalunkwe ħin titrasmetti kwalunkwe informazzjoni utli addizjonali lill-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni."

15 L-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru, intitolat "Limiti ta' żmien u proċeduri għad-deċiżjoni ta' l-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew", jipprevedi:

"1. Mandat ta' arrest Ewropew għandu jiġi ttrattat u esegwit b'urġenza.

2. F'każijiet fejn il-persuna rikjesta tagħti l-kunsens għall-konsenja tagħha, id-deċiżjoni finali dwar l-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandha tittieħed f'perijodu ta' 10 ijiem mill-għoti tal-kunsens.

3. F'kazijiet oħra, id-deċiżjoni finali dwar l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandha tittieħed f'perijodu ta' 60 jum wara l-arrest tal-persuna rikjesta.

4. Fejn f'każijiet speċifiċi l-mandat ta' arrest Ewropew ma jistax jiġi esegwit fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 2 jew 3, l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha tinforma immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja emittenti b'dan, u tagħti r-raġunijiet għad-dewmien. F'dan il-każ, il-limiti ta' żmien jistgħu jiġu estiżi b' 30 jum ieħor.

5. Sakemm l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni finali dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, hija għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet materjali meħtieġa għall-konsenja effettiva tal-persuna jibqgħu sodisfatti.

[…]

7. Fejn f'ċirkostanzi eċċezzjonali Stat Membru ma jistax iħares il-limiti ta' żmien previsti f'dan l-Artikolu, huwa għandu jinforma lill-Eurojust, waqt li jagħti r-raġunijiet għad-dewmien. Barra dan, Stat Membru li esperjenza dewmien ripetut min-naħa ta' Stat Membru ieħor fl-esekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej għandu jinforma lill-Kunsill bil-għan li tiġi evalwata l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru fil-livell ta' l-Istati Membri."

### *Id-dritt Ġermaniż*

16 Id-Deċiżjoni Kwadru ġiet trasposta fl-ordinament ġuridiku Ġermaniż bl-Artikoli 78 sa 83k tal-Gesetz über die internationale Rechtshilfe in Strafsachen (il-Liġi dwar l-Assistenza Ġudizzjarja Internazzjonali Reċiproka f'Materji Kriminali), tat-23 ta' Diċembru 1982, kif emendata bl-Europäisches Haftbefehlsgesetz, (il-Liġi dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew), tal-20 ta' Lulju 2006 (BGBl. 2006 I, p. 1721) (iktar 'il quddiem l-"IRG").

17 Skont l-Artikolu 29(1) tal-IRG, l-Oberlandesgericht (il-qorti reġjonali superjuri, il-Ġermanja) għandha taqta' kwistjonijiet, fuq talba tal-Prosekutur Pubbliku, dwar il-legalità tal-estradizzjoni meta l-persuna akkużata ma tkunx tat il-kunsens tagħha għall-estradizzjoni. Id-deċiżjoni tingħata permezz ta' digriet, skont l-Artikolu 32 tal-IRG.

18 L-Artikolu 73 tal-IRG jistipola:

"Fl-assenza ta' talba f'dan is-sens, l-assistenza ġudizzjarja u t-trażmissjoni ta' informazzjoni ser ikunu illeċiti jekk imorru kontra l-prinċipji essenzjali tal-ordinament ġuridiku Ġermaniż. Fil-każ ta' talba li ssir bis-saħħa tal-parti tmienja, disgħa u għaxra, l-assistenza ġudizzjarja tkun illeċita jekk tmur kontra l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6 TUE"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

19 Fit-2 ta' Awwissu 2017, in-Nyíregyházi Járásbíróság (il-Qorti Distrettwali ta' Nyíregyházi, l-Ungerija) ħarġet mandat ta' arrest Ewropew kontra ML, ċittadin Ungeriż, għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' proċeduri kriminali għal offiżi gravi fuq il-persuna, għal ħsara, għal frodi u għal serq bi żgass, imwettqa f'Nyíregyháza (l-Ungerija) bejn ix-xhur ta' Frar u ta' Lulju 2016.

20 Fis-16 ta' Awwissu 2017, il-Ministeru għall-Ġustizzja Ungeriż bagħat dan il-mandat ta' arrest Ewropew lill-Generalstaatsanwaltschaft Bremen (il-Prosekutur Pubbliku ta' Bremen, il-Ġermanja).

21 Permezz ta' sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, in-Nyíregyházi Járásbíróság (il-Qorti Distrettwali ta' Nyíregyházi) ikkundannat lil ML, fil-kontumaċja, għal piena ta' ċaħda tal-libertà għal sena u tmien xhur.

22 Permezz ta' ittra tal-20 ta' Settembru 2017, il-Ministeru għall-Ġustizzja Ungeriż qal lill-Prosekutur Pubbliku ta' Bremen, bi tweġiba għal talba magħmula minn dan tal-aħħar, li, fil-każ ta' konsenja, ML kien ser jinżamm, l-ewwel nett, fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Budapest (l-Ungerija) matul il-proċedimenti ta' konsenja u, sussegwentement, fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Szombathely (l-Ungerija). Dan il-Ministeru ta wkoll assigurazzjoni li ML ma kien ser ibati ebda trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, fid-dawl tad-detenzjoni prevista fl-Ungerija. L-imsemmi ministeru żied li din l-assigurazzjoni tista' tingħata wkoll fil-każ ta' trasferiment ta' ML f'ċentru ieħor ta' detenzjoni.

23 Fit-31 ta' Ottubru 2017, in-Nyíregyházi Járásbíróság (il-Qorti Distrettwali ta' Nyíregyházi) ħarġet mandat ta' arrest Ewropew ġdid fil-konfront ta' ML sabiex, din id-darba, teżegwixxi l-piena ta' ċaħda ta' libertà imposta minn din il-qorti fil-14 ta' Settembru 2017.

24 Fit-23 ta' Novembru 2017, il-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Bremen, il-Ġermanja) ordnat it-tqegħid taħt arrest għall-estradizzjoni ta' ML b'eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fit-2 ta' Awwissu 2017. Minn din id-data, ML qed jinżamm fl-istabbiliment penitenzjarju ta' Bremen-Oslebshausen (il-Ġermanja).

25 Fit-12 ta' Diċembru 2017, l-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta' Bremen, il-Ġermanja) ħarġet ordni ta' arrest kontra ML skont il-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fil-31 ta' Ottubru 2017, fl-istennija tal-konsenja eventwali tiegħu lill-awtoritajiet Ungeriżi. ML ma tax il-kunsens għall-konsenja tiegħu.

26 B'digriet tad-19 ta' Diċembru 2017, il-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Bremen) żammet lil ML taħt arrest għall-estradizzjoni bis-saħħa ta' dan il-mandat ta' arrest. Madankollu, sabiex tiġi evalwata r-regolarità tal-konsenja fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fi ħdan l-istabbilimenti penitenzjarji Ungeriżi, din il-qorti qieset li kien neċessarju li tingħabar informazzjoni addizzjonali.

27 Fid-digriet tagħha tad-9 ta' Jannar 2018, l-imsemmija qorti spjegat f'dan ir-rigward li, mill-informazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, l-eżekuzzjoni tal-piena imposta fuq ML fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Szombathely ma tqajjimx problemi. Madankollu, peress li l-Ministeru

tal-Ġustizzja Ungeriż semma, fl-ittra tiegħu tal-20 ta' Settembru 2017, il-possibbiltà ta' trasferiment f'ċentri oħra ta' detenzjoni, din l-istess qorti qieset neċessarju li tintbagħat lil dan tal-aħħar talba għal informazzjoni b'lista ta' 78 mistoqsija fuq il-kundizzjonijiet li fihom jinżammu l-persuni fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Budapest kif ukoll f'ċentri oħra ta' detenzjoni li lejnhom jista' jiġi ttrasferit ML.

28 Fl-10 ta' Jannar 2018, il-Prosekutur Pubbliku ta' Bremen indirizza din it-talba lill-Ministeru tal-Ġustizzja Ungeriż.

29 Fis-12 ta' Jannar 2018, b'risposta għal din it-talba, dan tal-aħħar indika li l-leġiżlatur nazzjonali kien, bil-Liġi Nru CX adottata fil-25 ta' Ottubru 2016, li emendat, b'mod partikolari, l-Artikolu 144/B (1) tal-Liġi Nru CCXL tal-2013, dwar l-Eżekuzzjoni tal-Pieni u tal-Miżuri Kriminali, ta' Ċerti Miżuri Koerċittivi, u tad-Detenzjoni għall-Kontravenzjonijiet, (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-2016"), introduċa, min-naħa, proċedura ta' rimedju li tippermetti lill-ħabsin jikkontestaw il-legalità tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħhom u, min-naħa l-oħra, modalità ġdida ta' detenzjoni, imsejħa ta' "reintegrazzjoni". Fil-kuntest ta' din il-proċedura, il-ħabsin li ma jkunux għadhom skontaw kompletament il-piena li ċċaħħadhom il-libertà tagħhom jistgħu jitolbu li d-detenzjoni tagħhom tiġi kkonvertita f'arrest domiċiljari. Il-Ministeru għall-Ġustizzja Ungeriż żied ukoll li l-ħolqien, mis-sena 2015, ta' iktar minn 1000 post ġdid fil-ħabs kien għen sabiex inaqqas il-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet.

30 Permezz ta' messaġġ elettroniku tal-1 ta' Frar 2018, indirizzat lill-Prosekutur Pubbliku ta' Bremen, uffiċjal tal-Ministeru tal-Ġustizzja Ungeriż indika li, ħlief f'ċirkustanzi kuntrarji, ML kien ser jinżamm f'Budapest għal perijodu ta' tliet ġimgħat, sabiex ikun suġġett għal numru ta' miżuri mhux speċifikati b'eżekuzzjoni tal-proċedura ta' konsenja.

31 B'digriet tat-12 ta' Frar 2018, il-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Bremen) talbet lill-awtoritajiet Ungeriżi jipprovdu, qabel it-28 ta' Frar 2018, informazzjoni fuq il-kundizzjonijiet li fihom jinżammu l-persuni, minn naħa, fil-ħabs ta' Budapest u, min-naħa l-oħra, fi stabbilimenti penitenzjarji oħra li lejnhom jista' jiġi ttrasferit ML. Hija xtaqet ukoll tkun taf liema huma dawk l-elementi li fuq il-bażi tagħhom ikun possibbli għaliha li tivverifika l-kundizzjonijiet li fihom jinżammu l-persuni hemmhekk.

32 Fl-15 ta' Frar 2018, il-Prosekutur Pubbliku ta' Bremen ressaq din it-talba lill-awtoritajiet Ungeriżi.

33 Fit-27 ta' Marzu 2018, il-Ministeru għall-Ġustizzja Ungeriż, b'konsultazzjoni mad-Direttorat Ġenerali tal-eżekuzzjoni tal-pieni, reġa' ta l-garanzija li ML, matul id-detenzjoni tiegħu fl-Ungerija, ma kienx ser jiġi suġġett għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, ikun liema jkun iċ-ċentru li fih ikun ser jinżamm.

34 Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Bremen) tikkonstata li ML ma għandux interess li jiġġustifika li l-piena tiġi eżegwita fil-Ġermanja. Fil-fatt, ML ma jitkellimx il-lingwa Ġermaniża, u peress li s-sieħba tiegħu ma għandhiex dritt għal benefiċċji soċjali f'dan l-Istat Membru, huwa ma jistax ittejjeb il-prospetti ta' reintegrazzjoni soċjali billi jiskonta l-piena tiegħu fit-territorju nazzjonali. ML għandu għalhekk bħala prinċipju jintbagħat l-Ungerija.

35 Madankollu, qabel ma tieħu deċiżjoni definittiva f'dan ir-rigward, din il-qorti tqis li hija marbuta li tivverifika jekk l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-awtoritajiet Ungeriżi fit-tweġiba għat-talbiet tagħha ta' informazzjoni humiex suffiċjenti sabiex tiġi eskluża, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 73 tal-IRG, u fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3), tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru, kif ukoll tal-Artikolu 4 tal-Karta, l-eżistenza ta' riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti.

36 Għal dan il-għan, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, dwar il-portata tal-istħarriġ li hija mitluba twettaq, fid-dawl tal-fatt li, illum il-ġurnata, fl-Ungerija, jeżisti d-dritt ta' rimedju li jippermetti lid-detenuti jikkontestaw il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħhom fid-dawl tad-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari, hija tistaqsi jekk dan ir-rimedju jippermettix li jiġi eskluż kwalunkwe riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti meta jkun hemm, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tal-Qorti EDB tal-10 ta' Marzu 2015, Varga *et* vs L-Ungerija (CE:ECHR:2015:0310JUD001409712, punti 79 sa 92), provi tal-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Ungerija. F'dan ir-rigward, din il-qorti tistaqsi dwar ir-rilevanza tal-fatt li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem reċentement qieset, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Novembru 2017, Domján vs L-Ungerija (CE:ECHR:2017:1114DEC000543317, punt 22), li ma kienx ġie stabbilit li l-imsemmi rimedju ma kienx ser joffri prospetti realistiċi ta' kundizzjonijiet mhux xierqa li fihom in-nies jinżammu, sabiex ikunu konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 3 tal-KEDB.

37 Fil-każ fejn dan l-istess rimedju ma kellux ikun ta' natura li tipprekludi r-riskju li ħabsi jkun suġġett għal trattament inuman jew degradanti minħabba l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tiegħu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fit-tieni lok, dwar il-portata, fid-dawl tal-informazzjoni u tal-assigurazzjonijiet miksuba mill-awtoritajiet Ungeriżi, tal-obbligu eventwali tagħha li tivverifika l-modalitajiet u l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-istabbilimenti penitenzjarji kollha li fihom jista' jinżamm ML.

38 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, l-ewwel nett, jekk il-verifika tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni għandhiex tkopri l-istabbilimenti penitenzjarji kollha fejn ML jista' jinżamm, b'mod partikolari dawk użati fuq bażi tranżitorja jew temporanja, jew jekk din il-verifika tistax tkun limitata għal dawk li fihom, skont l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti, ikun probabbli li ML essenzjalment ikun ser jinżamm. Fil-fatt, għalkemm din il-qorti tinsab f'pożizzjoni li teskludi kull riskju ta' trattament inuman jew degradanti fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Szombathely, l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Ungeriżi ma hijiex suffiċjenti sabiex twettaq tali konstatazzjoni f'dak li jirrigwarda d-detenzjoni ta' Budapest kif ukoll iċ-ċentri l-oħra ta' detenzjoni li fihom dawn l-awtoritajiet irriżervaw il-possibbiltà ta' trasferiment ulterjuri ta' ML. Barra minn hekk, l-imsemmija qorti tistaqsi dwar il-portata u l-kriterji tal-eżami li għandu jsir f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, hija tistaqsi jekk hija hijiex marbuta li tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti E Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif jirriżulta mis-sentenza tagħha tal-20 ta' Ottubru 2016, Muršić vs Il-Kroazja (CE:ECHR:2016:1020JUD000733413).

39 Barra minn hekk, fis-sitwazzjoni li fiha l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni għandhom jikkunsidraw stabbilimenti penitenzjarji li fihom jista' jinżamm ML, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, qabelxejn, jekk hija tistax sempliċement taċċetta dikjarazzjonijiet ġenerali mogħtija mill-awtoritajiet Ungeriżi, li jgħidu li ML mhux ser jiġi espost għar-riskju ta' trattament inuman jew degradanti, jew jekk hija tistax tissuġġetta l-konsenja ta' ML għall-kundizzjoni unika li ML ma jiġix espost għal tali trattament. Fil-każ kuntrarju, din il-qorti tistaqsi, minn naħa, x'importanza għandha tagħti lill-fatt li l-awtoritajiet Ungeriżi indikaw li d-detenzjoni temporanja ta' ML mhux ser taqbeż perijodu ta' tliet ġimgħat, filwaqt li din l-indikazzjoni hija fformulata bir-riżerva ta' "seħħ ta' ċirkustanzi li jistgħu jipprekludu dan". Min-naħa l-oħra, hija tixtieq tkun taf jekk hija tistax tieħu inkunsiderazzjoni informazzjoni mingħajr ma jkun possibbli li jiġi ddeterminat jekk toriġinax mill-awtorità ġudizzjarja emittenti, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru, jew minn awtorità ċentrali, fis-sens tal-Artikolu 7(1) ta' din id-deċiżjoni kwadru, li tkun aġixxiet fuq talba tal-awtorità ġudizzjarja emittenti.

40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Bremen) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Fl-interpretazzjoni [tal-Artikolu 1(3), tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru, moqrija flimkien mal-projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti stabbilita fl-Artikolu 4 tal-Karta], liema sinjifikat għandhom il-possibbiltajiet ta' protezzjoni ġuridika li l-Istat Membru emittenti jagħti lill-persuni detenuti fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni tagħhom?

a) meta l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jkollhom provi tal-eżistenza ta' nuqqasijiet sistematiċi jew ġeneralizzati tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti, fir-rigward ta' ċerti gruppi ta' persuni jew ta' ċerti ċentri ta' detenzjoni, jista' jiġi eskluż, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, riskju reali li l-persuna taħt prosekuzzjoni tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti fil-każ li hija tkun estradita, ta' natura tali li jipprevjeni li tingħata l-estradizzjoni, mis-sempliċi fatt li dawn il-possibbiltajiet ta' protezzjoni ġuridika huma fis-seħħ, mingħajr ma jkun hemm il-bżonn ta' stħarriġ ulterjuri tal-kundizzjonijiet konkreti ta' detenzjoni?

b) f'dan ir-rigward, huwa ta' rilevanza l-fatt li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma kkonstatat ebda indikazzjoni li dawn il-possibbiltajiet ta' protezzjoni ġuridika ma jagħtux lill-persuna detenuta prospett realistiku ta' titjib tal-kundizzjonijiet inadegwati ta' detenzjoni?

2) Jekk, skont ir-risposta għall-ewwel domanda, is-sempliċi eżistenza ta' dawn il-possibbiltajiet ta' protezzjoni ġuridika għall-persuni detenuti mingħajr ma l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni ma jwettqu stħarriġ ulterjuri tal-kundizzjonijiet konkreti ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti, ma teskludix riskju reali li l-persuna taħt prosekuzzjoni tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti:

a) id-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-istħarriġ tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti minn awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni għandhom jindirizzaw iċ-ċentri ta' detenzjoni jew il-faċilitajiet korrettivi kollha li fihom il-persuna taħt prosekuzzjoni tista' eventwalment tiġi detenuta? Dan japplika wkoll jekk id-detenzjoni hija biss temporanja jew titwettaq għal perijodu tranżitorju f'ċentri ta' detenzjoni speċifiċi? Jew l-istħarriġ jista' jiġi limitat għaċ-ċentru ta' detenzjoni li fih, skont l-indikazzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membru emittenti, il-persuna taħt prosekuzzjoni aktarx ser tiġi detenuta għall-parti l-kbira taż-żmien?

b) f'dan ir-rigward, huwa neċessarju li kull darba jiġu mistħarrġa kompletament il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni kkonċernati, billi jiġu vverifikati kemm iż-żona ta' spazju personali għal kull persuna detenuta kif ukoll il-kundizzjonijiet l-oħra ta' detenzjoni? Għandhom jiġu evalwati l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni hekk kif ivverifikati fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti EDB tat-30 ta' Ottubru 2016 (Muršić vs Il-Kroazja, Nru 7334/13)?

3) Jekk, skont ir-risposta għat-tieni domanda, għandu jkun rrikonoxxut li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni għandhom l-obbligu li jistħarrġu iċ-ċentri ta' detenzjoni kollha [li lejnhom il-persuna kkonċernata tkun tista' tiġi ttrasferita]:

a) l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jistgħu ma jwettqux stħarriġ tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ta' kull ċentru ta' detenzjoni inkwistjoni billi jqisu li l-Istat Membru emittenti ta assigurazzjoni ġenerali li ma hemmx riskju li l-persuna taħt prosekuzzjoni tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti?

b) jew, minflok ma jistħarrġu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ta' kull ċentru ta' detenzjoni inkwistjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jistgħu jqisu l-estradizzjoni ammissibbli bil-kundizzjoni li l-persuna taħt prosekuzzjoni ma tkunx suġġetta għal tali trattament?

4) Jekk, skont ir-risposta għat-tielet domanda, l-assigurazzjonijiet mogħtija jew il-kundizzjonijiet stabbiliti ma jkunux jistgħu jeżentaw lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni milli jistħarrġu il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ta' kull ċentru ta' detenzjoni [li lejnhom il-persuna kkonċernata tkun tista' tiġi ttrasferita]:
   a) l-obbligu tal-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni li jistħarrġu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jestendi għaċ-ċentri ta' detenzjoni kollha inkwistjoni meta l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru emittenti jindikaw li t-tul tad-detenzjoni tal-persuna taħt prosekuzzjoni mhux ser ikun itwal minn tliet ġimgħat, bla ħsara għall-okkorrenza ta' ċirkustanzi li jipprekludu dan?
   b) dan japplika wkoll meta l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni ma jaslux sabiex jiddeterminaw jekk dawn l-indikazzjonijiet ingħatawx mill-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti jew jekk humiex ġejjin minn waħda mill-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru emittenti li aġixxew fuq it-talba għal assistenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti?"

**Fuq il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari**

41 Il-qorti tar-rinviju talbet li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 107(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

42 Insostenn tat-talba tagħha, din il-qorti indikat li l-persuna kkonċernata qed tiġi mċaħħda mil-libertà mit-23 ta' Novembru 2017 bis-saħħa tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi. Barra minn hekk, l-imsemmija qorti tqis li, kieku kellha tkun obbligata teżamina l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-istabbilimenti penitenzjarji ta' tranżitu jew fi stabbilimenti oħra fejn din il-persuna setgħet tiġi trasferita sussegwentement, hija kien ikollha, sakemm ma tkunx tista' teskludi kull riskju ta' trattament inuman jew degradanti, tiddeduċi li l-konsenja mitluba hija illegali. Konsegwentement, hija tkun ukoll marbuta tneħħi l-arrest għall-estradizzjoni.

43 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru li taqa' taħt l-oqsma li jinsabu fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Konsegwentement, dan ir-rinviju jista' jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

44 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kriterju relatat mal-urġenza, għandu, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna kkonċernata fil-kawża prinċipali tinsab fil-preżent imċaħħda mil-libertà u li ż-żamma tagħha f'detenzjoni tiddependi mis-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża pinċipali. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata għandha tiġi evalwata fl-istat li tkun fiha fid-data tal-eżami tat-talba intiża biex jinkiseb li r-rinviju preliminari jkun is-suġġett ta' proċedura b'urġenza (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2017, Ardic, C-571/17 PPU, EU:C:2017:1026, punt 58 l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Issa, f'dan il-każ, minn naħa, huwa paċifiku li, f'din id-data, il-persuna kkonċernata, peress li kienet f'detenzjoni, kienet għalhekk imċaħħda mil-libertà. Min-naħa l-oħra, mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li ż-żamma f'detenzjoni ta' dan tal-aħħar tiddependi mill-eżitu tal-kawża prinċipali. Fil-fatt, il-miżura ta' detenzjoni li hija s-suġġett tagħha ġiet ordnata fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fil-konfront tiegħu. Konsegwentement, id-deċiżjoni ta' din il-qorti dwar konsenja eventwali lill-awtoritajiet Ungeriżi tiddependi mir-risposti li tagħti l-Qorti tal-Ġustizzja għal dawn id-domandi preliminari.

46 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-17 ta' April 2018, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju intiża li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jinstema' bil-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

### Fuq id-domandi preliminari

47 Bid-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, sostanzjalment, jekk l-Artikolu 1(3), l-Artikolu 5 u l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni jkollha provi li juru l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fi ħdan l-istabbilimenti penitenzjarji tal-Istat Membru emittenti, din l-awtorità tkun tista' tiskarta l-eżistenza ta' riskju reali li l-persuna msemmija minn mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, unikament għar-raġuni li din il-persuna jkollha, fl-Istat Membru emittenti, proċedura ta' rimedju li tippermettilha tikkontesta l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħha u, jekk dan ma huwiex il-każ, jekk l-imsemmija awtorità hijiex b'hekk marbuta li teżamina l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni eżistenti fi ħdan l-istabbilimenti penitenzjarji kollha li fihom din il-persuna tista' eventwalment tinżamm, inklużi dawk temporanji jew tranżitorji, jew unikament il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni eżistenti fl-istabbilimenti li fihom ikun probabbli, skont l-informazzjoni li jkollha, li l-imsemmija persuna essenzjalment tkun ser tinżamm. Din il-qorti tistaqsi, barra minn hekk, jekk dawn l-istess dispożizzjonijiet għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha teżamina l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni kollha u jekk, fil-kuntest ta' dan l-eżami, din l-awtorità tistax tieħu inkunsiderazzjoni informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti barra dawk tal-awtorità ġudizzjarja emittenti, bħal, b'mod partikolari, l-assigurazzjoni li l-persuna kkonċernata ma tkunx ser tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta.

#### *Osservazzjonijiet preliminari*

48 Sabiex tingħata risposta għad-domandi magħmula, għandu jitfakkar li d-dritt tal-Unjoni huwa bbażat fuq il-premessa fundamentali li kull Stat Membru jikkondividi mal-Istati Membri l-oħra kollha, u jirrikonoxxi li dawn jikkondividu miegħu, sensiela ta' valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif inhu ppreċiżat fl-Artikolu 2 TUE. Din il-premessa timplika u tiġġustifika l-eżistenza tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rikonoxximent ta' dawn il-valuri u, għalhekk, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni li jimplementahom (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Kemm il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u kemm il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jistrieħ huwa nnifsu fuq il-fiduċja reċiproka bejn dawn tal-aħħar, għandhom, fid-dritt tal-Unjoni, importanza fundamentali, peress li jippermettu l-ħolqien u ż-żamma ta' spazju mingħajr fruntieri interni. B'mod iktar speċifiku, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka jimponi, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ispazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja, fuq kull wieħed minn dawn l-Istati, li jqis, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li l-Istati Membri l-oħrajn kollha josservaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan id-dritt (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 B'hekk, meta jimplementaw id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jkunu marbuta, bis-saħħa ta' dan l-istess dritt, jippreżumu r-rispett tad-drittijiet fundamentali mill-Istati Membri l-oħra, b'tali mod li ma jkunx possibbli għalihom mhux biss li jeżiġu minn Stat Membru ieħor livell ta' protezzjoni nazzjonali tad-drittijiet fundamentali ogħla minn dak żgurat mid-dritt tal-Unjoni, iżda wkoll, ħlief f'każijiet eċċezzjonali, li jivverifikaw jekk Stat Membru ieħor jkunx effettivament irrispetta, f'każ konkret, id-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Unjoni (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Mill-premessa 6 tad-Deċiżjoni Kwadru jirriżulta li l-mandat ta' arrest Ewropew previst mid-Deċiżjoni Kwadru huwa l-ewwel miżura konkreta, fil-qasam tal-liġi kriminali, li timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 38).

52 Hekk kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 1(1) u (2) tad-Deċiżjoni Kwadru, moqrija fid-dawl tal-premessi 5 u 7 tagħha, din id-Deċiżjoni Kwadru għandha l-għan li tissostitwixxi s-sistema ta' estradizzjoni multilaterali bbażata fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni, tat-13 ta' Diċembru 1957, b'sistema ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' persuni kkundannati jew issuspettati għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ta' prosekuzzjoni, liema sistema hija bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Id-Deċiżjoni Kwadru hija għalhekk intiża, bl-introduzzjoni ta' sistema ġdida ssimplifikata u iktar effikaċi ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew issuspettati li jkunu kisru l-liġi kriminali, li tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja bil-għan li tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan mogħti lill-Unjoni li jsir spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja msejjes fuq il-livell għoli ta' fiduċja li għandu jkun hemm bejn l-Istati Membri (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Fil-qasam irregolat mid-Deċiżjoni Kwadru, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jikkostitwixxi, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 6 tagħha, il-"bażi" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, isib l-applikazzjoni tiegħu fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Kwadru, li tistabbilixxi r-regola li tgħid li l-Istati Membri huma marbuta li jeżegwixxu kull mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u konformement mad-dispożizzjonijiet tal-istess Deċiżjoni Kwadru. L-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni ma jistgħux, għaldaqstant, bħala prinċipju, jirrifjutaw li jeżegwixxu tali mandat ħlief għar-raġunijiet, elenkati b'mod eżawrjenti, ta' noneżekuzzjoni previsti mid-Deċiżjoni Kwadru, u l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tista' tkun suġġetta biss għal waħda mill-kundizzjonijiet limitattivament previsti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Kwadru. Konsegwentement, billi l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew jikkostitwixxi l-prinċipju, ir-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa mifhum bħala eċċezzjoni li għandha tkun suġġetta għal interpretazzjoni stretta (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 B'dan il-mod, id-Deċiżjoni Kwadru tiddikjara espliċitament ir-raġunijiet ta' noneżekuzzjoni obbligatorja (Artikolu 3) u fakultattiva (Artikoli 4 u 4a) tal-mandat ta' arrest Ewropew, kif ukoll il-garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat Membru emittenti f'każijiet partikolari (Artikolu 5) (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li l-limitazzjonijiet għall-prinċipji ta' rikonoxximent u ta' fiduċja reċiproka bejn Stati Membri jistgħu jitressqu "f'ċirkustanzi eċċezzjonali" (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-possibbiltà għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li ttemm il-proċedura ta' konsenja stabbilita mid-Deċiżjoni Kwadru, meta tali konsenja tkun tista' twassal għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, tal-persuna mfittxija (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha, minn naħa, fuq l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, li jipprovdi li dan ma għandux ikollu l-effett li jimmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji legali fundamentali kif stabbiliti fl-Artikoli 2 u 6 TUE, u, min-naħa l-oħra,

fuq in-natura assoluta tad-dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 4 tal-Karta (sentenza tal-lum, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Minn dan isegwi li, meta l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha provi li juru li hemm riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti ta' persuni li jinżammu f'detenzjoni fl-Istat Membru emittenti, fir-rigward tal-istandard ta' protezzjoni ta' drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 4 tal-Karta, hija għandha tevalwa l-eżistenza ta' dan ir-riskju meta hija tieħu deċiżjoni dwar il-konsenja lill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti tal-persuna kkonċernata minn mandat ta' arrest Ewropew. Fil-fatt, l-eżekuzzjoni ta' tali mandat ma għandhiex twassal għal trattament inuman jew degradanti ta' din il-persuna (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 88).

60 Għal dan il-għan, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, qabel kollox, tibbaża ruħha fuq provi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament ivverifikati dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li jkunu prevalenti fl-Istat Membru emittenti u li juru r-realtà ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati, jew li jolqtu ċerti gruppi ta' persuni, jew ukoll ċerti ċentri ta' detenzjoni. Dawn il-provi jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari minn deċiżjonijiet ġudizzjarji internazzjonali, bħalma huma s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, minn deċiżjonijiet ġudizzjarji tal-Istat Membru emittenti kif ukoll minn deċiżjonijiet, minn rapporti u minn dokumenti oħra stabbiliti mill-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa jew li jaqgħu taħt is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 89).

61 Madankollu, il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti minħabba l-kundizzjonijiet ġenerali ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti ma għandux iwassal, bħala tali, għar-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew. Fil-fatt, is-sempliċi ċirkustanza li jeżistu provi li juru nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati, jew li jmissu ċerti gruppi ta' persuni, jew ukoll ċerti ċentri ta' detenzjoni f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti ma jimplikax neċessarjament li, f'każ konkret, il-persuna kkonċernata tkun ser tiġi suġġetta għal trattament inuman jew degradanti fil-każ ta' konsenja lill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 91 kif ukoll 93).

62 Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-Artikolu 4 tal-Karta fil-każ partikolari ta' persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li jkollha quddiemha elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament ivverifikati li jixhdu l-eżistenza ta' tali nuqqasijiet hija marbuta, wara, li tevalwa b'mod konkret u preċiż jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jeżistux raġunijiet serji u pprovati li jwasslu wieħed jemmen li, wara l-konsenja tagħha lil dan l-Istat Membru, din il-persuna tgħaddi minn riskju reali li tiġi suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens ta' dan l-artikolu, minħabba l-kundizzjonijiet li fihom tinżamm fl-Istat Membru emittenti (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punti 92 u 94).

63 Għal dan il-għan, l-imsemmija awtorità għandha, b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Kwadru, titlob lill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti l-provvista b'urġenza ta' kull informazzjoni komplementari neċessarja f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li fihom ikun previst li tkun ser tinżamm f'detenzjoni l-persuna kkonċernata f'dan l-Istat Membru. Din it-talba tista' tirrigwarda wkoll l-eżistenza, fl-Istat Membru emittenti, ta' proċeduri eventwali u mekkaniżmi nazzjonali jew internazzjonali ta' kontroll tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni marbuta, pereżempju, ma' żjarat fl-istabbilimenti penitenzjarji, li jippermettu li jiġi evalwat l-istat attwali tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni f'dawn l-istabbilimenti (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 95 kif ukoll 96).

64 L-awtorità ġudizzjarja emittenti hija marbuta li tipprovdi din l-informazzjoni lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 97).

65 Jekk, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Kwadru, kif ukoll ta' kull informazzjoni oħra li jkollha l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, din l-awtorità tikkonstata li jeżisti, fir-rigward tal-persuna li tkun suġġetta għall-mandat ta' arrest Ewropew, riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat għandha tiġi posposta, iżda mhux abbandunata (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 98).

66 Min-naħa l-oħra, fl-ipoteżi fejn l-informazzjoni rċevuta mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti twassal lill dak li jkun jiskarta r-riskju reali li l-persuna kkonċernata ser tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti fl-Istat Membru emittenti, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tadotta, fit-termini mogħtija mid-Deċiżjoni Kwadru, id-deċiżjoni tagħha fuq l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, bla ħsara għall-possibbiltà, għall-persuna kkonċernata, ladarba tiġi kkonsenjata, li tirrikorri, taħt l-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru emittenti, għar-rimedji li jippermettulha tikkontesta, jekk ikun il-każ, il-legalità tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħha fi stabbiliment penitenzjarju ta' dan l-Istat Membru (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 103).

67 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tqis li hija għandha elementi li juru l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Ungerija. Fil-fatt, skont din il-qorti, jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti EDB tal-10 ta' Marzu 2015, Varga *et* vs L-Ungerija (CE:ECHR:2015:0310JUD001409712, punti 79 sa 92), li peress li dan l-Istat Membru għandu sitwazzjoni ta' popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet, hemm riskju li l-persuni miżmuma hemm ikunu suġġetti għal trattament inuman jew degradanti. L-imsemmija qorti tqis li, fid-data tad-deċiżjoni tar-rinviju, din is-sitwazzjoni kienet għadha teżisti, peress li, skont l-awtoritajiet Ungeriżi, inħolqu 1 000 post fil-ħabs, filwaqt li n-numru ta' postijiet nieqsa kien ta' 5 500. Barra minn hekk, skont din il-qorti, huwa diffiċli li jiġi evalwat l-impatt reali fuq il-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabs fl-Ungerija bil-possibbiltà, introdotta bil-Liġi tal-2016, li d-detenzjoni tinbidel f'arrest domiċiljari.

68 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha u matul is-seduta, l-Ungerija kkontestat l-eżistenza ta' tali nuqqasijiet li jaffettwaw il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fit-territorju tagħha. Dan l-Istat Membru jqis li l-qorti tar-rinviju tat b'mod żbaljat importanza sproporzjonata għas-sentenza tal-Qorti EDB tal-10 ta' Marzu 2015, Varga *et* vs L-Ungerija (CE:ECHR:2015:0310JUD001409712), mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-fatti li seħħew wara li ngħatat din is-sentenza. B'mod partikolari, din il-qorti la ħadet inkunsiderazzjoni t-titjib imwettaq fil-ħabsijiet, u lanqas l-emendi leġiżlattivi adottati sabiex tiġi implimentata l-imsemmija sentenza, jew deċiżjonijiet iktar reċenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

69 F'dan ir-rigward, madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, ma saretx domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Ungerija.

70 Fil-fatt, bid-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju, filwaqt li bbażat ruħha fuq il-premessa tal-eżistenza ta' tali nuqqasijiet, tfittex, essenzjalment, li tiddetermina, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 61 sa 66 ta' din is-sentenza, jekk id-diversi elementi ta' informazzjoni li ġew trażmessi lilha mill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti humiex ta' natura tali li jippermettulha teskludi l-eżistenza ta' riskju reali li l-persuna kkonċernata tkun suġġetta, f'dan l-Istat Membru, għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta.

71 Huwa xieraq, għalhekk li tingħata risposta għal dawn id-domandi billi dak li jkun jibbaża ruħu fuq il-premessa magħmula mill-qorti tar-rinviju fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu, u li tagħha huwa l-kompitu li tivverifika l-eżattezza billi tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni debitament aġġornata, kif ġie rrilevat fil-punt 60 ta' din is-sentenza, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-applikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2017, tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-2016, liema dispożizzjonijiet jistgħu, jekk ikun il-każ, jikkontestaw din il-premessa.

### *Fuq l-eżistenza ta' rimedju fl-Istat Membru emittenti dwar il-legalità tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fid-dawl tad-drittijiet fundamentali*

72 Huwa paċifiku li, permezz tal-Liġi tal-2016, l-Ungerija, mill-1 ta' Jannar 2017, stabbilixxiet dritt ta' rimedju li jippermetti lid-detenuti jikkontestaw, fil-kuntest ta' azzjoni ġudizzjarja, il-legalità tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħhom fid-dawl tad-drittijiet fundamentali.

73 Kif sostnew il-partijiet ikkonċernati kollha li pparteċipaw f'din il-proċedura, tali rimedju, għalkemm jista' jikkostitwixxi rimedju ġudizzjarju effettiv fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta, ma jistax, waħdu, ikun biżżejjed sabiex jeskludi l-eżistenza ta' riskju reali li l-persuna kkonċernata tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti fl-Istat Membru emittenti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta.

74 Fil-fatt, għalkemm tali stħarriġ ġudizzjarju *a posteriori* tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti jikkostitwixxi żvilupp importanti li jista' jikkontribwixxi sabiex iħajjar l-awtoritajiet ta' dan tal-aħħar itejjeb dawn il-kundizzjonijiet u li, għaldaqstant, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni fl-evalwazzjoni globali tal-kundizzjonijiet li fihom ikun maħsub li ser tinżamm persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' deċiżjoni dwar il-konsenja ta' din tal-aħħar, dan ma huwiex, bħala tali, ta' natura li jwarrab ir-riskju li dik il-persuna, wara l-konsenja tagħha, tkun suġġetta għal trattament inkompatibbli mal-Artikolu 4 tal-Karta, minħabba l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħha.

75 Għalhekk, anki jekk l-Istat Membru emittenti jipprovdi rimedji li jippermettu li tiġi mistħarrġa l-legalità tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jibqgħu marbuta li jagħmlu eżami individwali tas-sitwazzjoni ta' kull persuna kkonċernata, sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjoni tagħhom dwar il-konsenja ta' din il-persuna ma tkunx ser iġġiegħlha, għar-raġuni tal-imsemmija kundizzjonijiet, tgħaddi minn riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, minħabba l-imsemmija kundizzjonijiet.

76 Din l-interpretazzjoni bl-ebda mod ma tikkontradixxi dak li ġie deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Novembru 2017, Domján vs L-Ungerija (CE:ECHR:2017:1114DEC000543317). Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, minn naħa, sempliċement ikkonstatat li, peress li r-rikorsi mressqa bil-Liġi tal-2016 jiggarantixxu, bħala prinċipju, rimedju effettiv għall-ksur tal-KEDB li jirriżulta minn popolazzjoni eċċessiva tal-ħabsijiet u minn kundizzjonijiet oħra ta' detenzjoni mhux adegwati fl-Ungerija, ir-rikors ippreżentat quddiemha f'din il-kawża, billi l-istanza ma kinitx eżawrita, kellu jiġi miċħud bħala inammissibbli. Min-naħa l-oħra, hija speċifikat li hija kienet qed tirriżerva d-dritt li teżamina mill-ġdid in-natura effettiva ta' dawn ir-rikorsi fid-dawl tal-applikazzjoni prattika tagħhom.

### *Fuq il-portata tal-eżami tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti*

*Fuq l-istabbilimenti penitenzjarji li għandhom jiġu eżaminati*

77 Skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 61 sa 66 ta' din is-sentenza, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni li għandhom jagħtu deċiżjoni dwar il-konsenja ta' persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għandhom jevalwaw, b'mod konkret u preċiż, jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ikunx hemm riskju reali li din il-persuna tiġi suġġetta fl-Istat Membru emittenti għal trattament inuman jew degradanti.

78 Minn dan isegwi li l-eżami li dawn l-awtoritajiet huma marbuta li jwettqu, minħabba n-natura konkreta u preċiża tiegħu, ma jistax jirrigwarda l-kundizzjonijiet ġenerali ta' detenzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet penitenzjarji kollha ta' dan l-aħħar Stat Membru, li fihom il-persuna kkonċernata tkun tista' tinżamm.

79 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-possibbiltà għall-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni, skont l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Kwadru, li jitolbu l-provvista urġenti tal-informazzjoni komplementari neċessarja, meta huma jqisu li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru emittenti ma tkunx suffiċjenti biex ikunu jistgħu jadottaw deċiżjoni dwar il-konsenja, hija soluzzjoni estrema, applikabbli biss f'każijiet eċċezzjonali li fihom l-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi tqis li ma jkollhiex l-elementi formali kollha meħtieġa għall-finijiet ta' adozzjoni urġenti ta' deċiżjoni dwar il-konsenja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Jannar 2018, Piotrowski, C-367/16, EU:C:2018:27, punti 60 u 61).

80 Għalhekk, din id-dispożizzjoni ma tistax tintuża mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni biex titlob, b'mod sistematiku, informazzjoni ġenerali mingħand l-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni tal-istabbilimenti penitenzjarji li fihom persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew tkun tista' tinżamm.

81 Barra minn hekk, talba bħal din tkun tirrikjedi, f'ħafna każijiet, informazzjoni dwar l-istabbilimenti penitenzjarji kollha li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Istat membru emittenti, peress li persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew tista', bħala regola ġenerali, tinżamm f'kull stabbiliment penitenzjarju li jinsab fit-territorju tiegħu. Issa, ma huwiex ġeneralment possibbli, fl-istadju tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, li jiġu identifikati l-istabbilimenti penitenzjarji kollha li fihom tali persuna ser effettivament tinżamm, peress li trasferiment minn stabbiliment għal ieħor jista' jkun ġustifikat mis-seħħ ta' ċirkustanzi imprevedibbli, jew esterni għal-persuna kkonċernata.

82 Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma kkorroborati mill-għan imfittex mid-Deċiżjoni Kwadru, li, kif jirriżulta diġà mill-punt 53 ta' din is-sentenza, huwa, bl-istabbiliment ta' sistema ta' konsenja bejn awtoritajiet ġudizzjarji ssemplifikata u iktar effikaċi ta' persuni kkundannati jew issuspettati li jkunu kisru l-liġi kriminali, dak li jitħaffu u jiġu ffaċilitati l-konsenji.

83 Fil-fatt, dan l-għan jirregola, b'mod partikolari, it-trattament tat-termini għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, li l-Istati Membri huma marbuta li josservaw, u li l-importanza tagħhom hija espressa f'diversi dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru, fosthom, b'mod partikolari, l-Artikolu 17 tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Jannar 2018, Piotrowski, C-367/16, EU:C:2018:27, punti 55 u 56).

84 Issa, l-obbligu għall-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni li jeżaminaw il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni eżistenti fi ħdan l-istituzzjonijiet penitenzjarji kollha li fihom il-persuna kkonċernata tista' tinżamm fl-Istat Membru emittenti huwa manifestament eċċessiv. Barra minn hekk, ikun impossibbli li dan jitwettaq fl-iskadenzi previsti fl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru. Tali eżami jkun fil-fatt ta' natura li jiddifferixxi b'mod sostanzjali l-konsenja ta' din il-persuna u, għaldaqstant, ineħħi kull effett utli tas-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew.

85 Minn dan jista' jirriżulta riskju ta' impunità tal-persuna mfittxija, u dan iktar u iktar meta, bħal fil-kawża prinċipali, li tirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun ikkonstatat li r-rekwiżiti ta' applikazzjoni tar-raġuni ta' noneżekuzzjoni fakultattiva stabbilita fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru, li tippermetti lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jintrabat li jeżegwixxi din il-piena skont id-dritt intern tiegħu, bil-għan, b'mod partikolari, li jżid il-possibbiltà ta' reintegrazzjoni soċjali tal-persuna kkonċernata (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punt 32), ma jkunux issodisfatti.

86 Issa, tali impunità hija inkompatibbli mal-għan imfittex kemm permezz tad-Deċiżjoni Kwadru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski, C-579/15, EU:C:2017:503, punt 23) kif ukoll mill-Artikolu 3(2) TUE, li fil-kuntest tiegħu tidħol din id-Deċiżjoni Kwadru, u li tgħid li l-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fiha jiġi assigurat il-moviment liberu tal-persuni, flimkien ma' miżuri xierqa fir-rigward tal-kontroll tal-fruntieri esterni, kif ukoll il-prevenzjoni tal-kriminalità u tal-ġlieda kontra dan il-fenomenu (sentenza tas-6 ta' Settembru 2016, Petruhhin, C-182/15, EU:C:2016:630, punti 36 u 37).

87 Għaldaqstant, fid-dawl tal-fiduċja reċiproka li għandha teżisti bejn l-Istati Membri, li fuqha hija bbażata s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew, u fid-dawl, b'mod partikolari, tat-termini mogħtija lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni previsti fl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru għall-adozzjoni ta' deċiżjoni finali ta' eżekuzzjoni ta' tali mandat, dawn l-awtoritajiet huma mitluba biss li jeżaminaw il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-istabbilimenti penitenzjarji li fihom, skont l-informazzjoni disponibbli għalihom, ikun konkretament previst li dik il-persuna tkun ser tinżamm, kemm jekk b'mod temporanju jew b'mod tranżitorju. Il-konformità, fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni eżistenti fi ħdan l-istabbilimenti penitenzjarji l-oħra li fihom din il-persuna tkun tista', skont il-każ, tinżamm sussegwentement, taqa', skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 66 ta' din is-sentenza, esklużivament fil-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru emittenti.

88 F'dan il-każ, anki jekk din l-informazzjoni ma ngħatatx mill-awtorità ġudizzjarja emittenti, huwa paċifiku bejn il-partijiet interessati kollha li pparteċipaw f'din il-proċedura li l-persuna kkonċernata, fil-każ ta' konsenja lill-awtoritajiet Ungeriżi, l-ewwel ser tinżamm fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Budapest għal perijodu ta' tliet ġimgħat, qabel ma tiġi trasferita fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Szombathely, iżda ma ġiex eskluż li hija tista' tkun suġġetta għal trasferiment ulterjuri lejn ċentru ieħor ta' detenzjoni.

89 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tivverifika l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tal-persuna kkonċernata f'dawn iż-żewġ stabbilimenti biss.

*Fuq l-eżami tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni*

90 Fl-assenza ta' regoli minimi, fid-dritt tal-Unjoni, dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, għandu jitfakkar li, kif diġà ġie kkonstatat fis-sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 90), l-Artikolu 3 tal-KEDB jimponi fuq l-awtoritajiet tal-Istat li fit-territorju tiegħu sseħħ id-detenzjoni obbligu pożittiv li jikkonsisti f'li jiżgura li kull detenut jinżamm f'kundizzjonijiet li jiggarantixxu r-rispett tad-dinjità tal-bniedem, li l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-miżura ma jissottomettux lill-persuna kkonċernata għal tbatija jew għal prova ta' tali intensità li taqbeż il-livell inevitabbli ta' sofferenza inerenti għad-detenzjoni u li, fid-dawl tal-ħtiġijiet prattiċi tal-priġunerija, is-saħħa u l-benesseri tal-priġunier jiġu ggarantiti b'mod adegwat (il-Qorti EDB, 25 ta' April 2017, Rezmiveș *et* vv Ir-Rumanija, CE:ECHR:2017:0425JUD006146712, punt 72).

91 F'dan ir-rigward, sabiex taqa' taħt l-Artikolu 3 tal-KEDB, trattament ħażin għandu jilħaq livell minimu ta' gravità, li jiddependi mill-fatti kollha tal-każ, b'mod partikolari t-tul ta' żmien tat-trattament u tal-effetti fiżiċi u mentali tiegħu, kif ukoll, xi kultant, is-sess, l-età, u l-istat ta' saħħa tal-vittma (il-Qorti EDB, 20 ta' Ottubru 2016, Muršić vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2016:1020JUD000733413, punti 97 u 122).

92 Minħabba l-importanza tal-fattur spazjali fl-evalwazzjoni globali tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, il-fatt li l-ispazju personali li detenut ikollu jiddisponi minnu jkun inqas minn 3 $m^2$ f'ċella kollettiva joħloq preżunzjoni qawwija ta' ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB (il-Qorti EDB, 20 ta' Ottubru 2016, Muršić vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2016:1020JUD000733413, punt 124).

93 Tali preżunzjoni qawwija ta' ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB tista' normalment tiġi rrifjutata biss jekk, l-ewwel nett, it-tnaqqis tal-ispazju personali mill-minimu meħtieġ ta' 3 $m^2$ jkunu qosra, okkażjonali u minuri, it-tieni nett, dawn ikollhom fl-istess ħin libertà ta' moviment suffiċjenti barra mill-istruttura u attivitajiet barra miċ-ċella adegwati u, it-tielet nett, l-istabbiliment jagħti b'mod ġenerali kundizzjonijiet ta' detenzjoni deċenti u li l-persuna kkonċernata ma tkunx suġġetta għal elementi oħra li jitqiesu li jkunu ċirkustanzi aggravanti ta' kundizzjonijiet ħżiena ta' detenzjoni (il-Qorti EDB, 20 ta' Ottubru 2016, Muršić vs Il-Korazja, CE:ECHR:2016:1020JUD000733413, punt 138).

94 F'dan il-każ, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Szombathely, fejn huwa paċifiku li l-persuna kkonċernata għandha tiskonta l-parti sostanzjali tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà imposta fuqha fl-Ungerija, twassal li tiġi eskluża l-eżistenza ta' riskju reali li din il-persuna tiġi suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, ħaġa li ebda waħda mill-partijiet li pparteċipaw f'din il-proċedura, barra minn hekk, ma kkontestat.

95 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li għandha tivverifika jekk il-persuna kkonċernata hijiex ser tiġi esposta, min-naħa l-oħra, għal tali riskju fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Budapest.

96 Il-fatt li d-detenzjoni f'din l-istituzzjoni tkun prevista biss għat-tul tal-proċedura ta' konsenja u ma għandhiex għalhekk, skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti, taqbeż, bħala prinċipju, tliet ġimgħat, ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward.

97 Ċertament, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li t-tul ta' perijodu ta' detenzjoni jista', kif jirriżulta diġà mill-punti 91 u 93 ta' din is-sentenza, ikun fattur rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-gravità tat-tbatija jew tal-umiljazzjoni mġarrba minn detenut minħabba l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ħżiena tiegħu (il-Qorti EDB, 20 ta' Ottubru 2016, Muršić vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2016:1020JUD000733413, punt 131).

98 Madankollu, il-qosor relattiv ta' perijodu ta' detenzjoni ma jeskludix awtomatikament it-trattament kontenzjuż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-KEDB meta elementi jkunu suffiċjenti sabiex jaqa' taħt din id-dispożizzjoni.

99 Barra minn hekk, għalkemm il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li, meta detenut jiddisponi minn spazju ta' inqas minn 3 $m^2$, perijodu ta' detenzjoni ta' xi jiem jista' jiġi assimilat ma' perijodu qasir, perijodu ta' madwar 20 jum, bħal dak previst fil-kawża prinċipali mill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti, li, barra minn hekk, ma huwiex eskluż li jista' jiġi estiż fil-każ ta' "ċirkustanzi kuntrarji" li ma ġew speċifikati b'ebda mod, ma jistax jitqies li huwa perijodu qasir (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EBD, 20 ta' Ottubru 2016, Muršić vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2016:1020JUD000733413, punti 146, 152 u 154).

100 Minn dan jirriżulta li n-natura temporanja jew tranżitorja ta' detenzjoni f'tali kundizzjonijiet ma hijiex, waħedha, ta' natura tali li tevita kull riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta.

101 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tqis li l-informazzjoni disponibbli tkun insuffiċjenti sabiex tippermettilha tadotta deċiżjoni dwar il-konsenja, hija tista', kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 63 ta' din is-sentenza, titlob lill-awtorità ġudizzjarja emittenti, konformement mal-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Kwadru, il-provvista tal-informazzjoni komplementari li hija tqis meħtieġa, sabiex tikseb kjarifiki dwar il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni konkreti u preċiżi tal-persuna kkonċernata fl-istabbiliment penitenzjarju inkwistjoni.

102 F'dan il-każ, mill-informazzjoni sottomessa lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-awtoritajiet Ungeriżi ma ressqux tweġibiet għat-78 mistoqsija li sarulhom fl-10 ta' Jannar 2018, konformement mad-digriet tal-qorti tar-rinviju tat-9 ta' Jannar 2018, mill-Prosekutur Pubbliku ta' Bremen, dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni eżistenti fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Budapest kif ukoll f'kull stabbiliment ieħor li fih il-persuna kkonċernata tista', jekk ikun il-każ, tinżamm.

103 Jekk bosta minn dawn il-mistoqsijiet, meħuda individwalment, huma rilevanti għall-finijiet tal-eżami tal-kundizzjonijiet konkreti u preċiżi tad-detenzjoni tal-persuna kkonċernata skont l-elementi msemmija fil-punt 93 ta' din is-sentenza, kien jidher madankollu, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva wkoll, essenzjalment, fil-punt 76 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-imsemmija mistoqsijiet, minħabba n-numru tagħhom, il-portata tagħhom, li ssemmi kull stabbiliment penitenzjarju li fih il-persuna kkonċernata tista' tinżamm, u l-kontenut tagħhom, li jkopri aspetti tad-detenzjoni mingħajr rilevanza ċara għall-finijiet tal-imsemmi eżami, bħal, b'mod partikolari, l-eżerċizzju ta' twemmin, il-possibbilta ta' tipjip, il-modalitajiet ta' tindif tal-ħwejjeġ, kif ukoll l-installazzjoni ta' gradilji jew ta' persjani mat-twieqi taċ-ċelel, jirrendu, fil-prattika, kwalunkwe risposta utli mill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti impossibbli, fid-dawl, b'mod partikolari, tat-termini qosra previsti fl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew.

104 Talba bħal din, li twassal għal paraliżi tal-funzjonament tal-mandat ta' arrest Ewropew, ma hijiex kompatibbli mal-obbligu ta' kooperazzjoni leali, stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, li għandu jirregola d-djalogu bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni u l-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti, fil-kuntest, b'mod partikolari, tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) u (3) tad-Deċiżjoni Kwadru.

105 Waqt is-seduta, il-Ministeru Pubbliku ta' Bremen b'hekk indika li qatt ma rċieva risposta għal dan it-tip ta' talbiet għal informazzjoni, li l-qorti tar-rinviju indirizzat sistematikament lill-awtoritajiet ta' tliet Stati Membri, fosthom l-Ungerija. Huwa ppreċiża li prassi bħal din twassal għall-konsegwenza li, fl-assenza ta' deċiżjoni ta' din il-qorti li tapprova l-konsenja, ebda mandat ta' arrest Ewropew maħruġ minn qorti ta' wieħed minn dawn it-tliet Stati Membri ma jista' jiġi eżegwit minn dan il-Prosekutur Pubbliku.

106 Madankollu, huwa paċifiku li, bi tweġiba għat-talba tat-10 ta' Jannar 2018, l-awtoritajiet Ungeriżi pprovdew lill-Prosekutur Pubbliku ta' Bremen, fl-ittri tagħhom tal-20 ta' Settembru 2017 u tas-27 ta' Marzu 2018, li l-persuna kkonċernata ma kienet ser tbati, minħabba d-detenzjoni tagħha fl-Ungerija, ebda trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, ikun liema jkun l-istabbiliment li fiha ser tinżamm.

107 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk u sa fejn tali assigurazzjoni tista' tittieħed inkunsiderazzjoni mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni sabiex tieħu d-deċiżjoni tagħha fuq il-konsenja tal-persuna kkonċernata.

*Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-assigurazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti*

108 Għandu jitfakkar li l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Kwadru jawtorizza espliċitament l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, meta hija tqis li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru emittenti tkun insuffiċjenti sabiex tippermettilha tagħti deċiżjoni dwar il-konsenja, titlob il-provvista tal-informazzjoni komplementari neċessarja. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 15(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, l-awtorità ġudizzjarja emittenti tista', f'kull mument, tittrażmetti kwalunkwe informazzjoni addizjonali utli għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni.

109 Barra minn hekk, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, f'rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati (sentenza tas-6 ta' Settembru 2016, Petruhhin, C-182/15, EU:C:2016:630, punt 42).

110 Konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni u l-awtorità ġudizzjarja emittenti jistgħu, rispettivament, jitolbu informazzjoni jew jipprovdu assigurazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet konkreti u preċiżi li fihom il-persuna kkonċernata tkun ser tinżamm fl-Istat Membru emittenti.

111 L-assigurazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru emittenti li l-persuna kkonċernata ma tkunx ser tbati trattament inuman jew degradanti minħabba l-kundizzjonijiet konkreti u preċiżi ta' detenzjoni jkun liema jkun l-istabbiliment penitenzjarju li fih tkun ser tinżamm fl-Istat Membru emittenti hija element li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tinjora. Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 64 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-ksur ta' tali assigurazzjoni, inkwantu huwa jista' jorbot l-awtur tagħha, jista' jiġi invokat kontra dan tal-aħħar quddiem il-qrati tal-Istat Membru emittenti.

112 Meta din l-assigurazzjoni tkun saret jew, għall-inqas, tkun ġiet approvata mill-awtorità ġudizzjarja emittenti, jekk meħtieġ, wara li tkun intalbet l-assistenza tal-awtorità ċentrali jew ta' waħda mill-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru emittenti, fis-sens tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Kwadru, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, fid-dawl tal-fiduċja reċiproka li għandha teżisti bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri, u li fuqha hija bbażata s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew, għandha toqgħod fuqha, tal-anqas fl-assenza ta' kull element preċiż li jippermetti li wieħed jaħseb li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni eżistenti f'ċentru ta' detenzjoni stabbilit imorru kontra l-Artikolu 4 tal-Karta.

113 F'dan il-każ, l-assigurazzjoni mogħtija mill-Ministeru tal-Ġustizzja Ungeriż fl-20 ta' Settembru 2017, u mtennija fis-27 ta' Marzu 2018, li l-persuna kkonċernata ma kinitx ser tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti minħabba l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħha fl-Ungerija, madankollu la ngħatat u lanqas ġiet approvata mill-awtorità ġudizzjarja emittenti, ħaġa li l-Gvern Ungeriż ikkonferma espliċitament waqt is-seduta.

114 Peress li ma toriġinax minn awtorità ġudizzjarja, il-garanzija li din l-assigurazzjoni tirrappreżenta għandha tiġi ddeterminata permezz ta' evalwazzjoni globali tal-elementi kollha għad-dispożizzjoni tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni.

115 Issa, f'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi osservat li l-assigurazzjoni pprovduta mill-Ministeru għall-Ġustizzja Ungeriż tidher li hija kkorroborata mill-informazzjoni li għandu l-Prosekutur Pubbliku ta' Bremen. Fil-fatt, b'risposta għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan tal-aħħar sostna, waqt is-seduta, li dawn l-elementi, li jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-esperjenza miksuba waqt il-proċeduri ta' konsenja implimentati qabel ma ngħatat is-sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198), jippermettulu jqis li l-kundizzjonijiet ta'

detenzjoni fi ħdan stabbiliment penitenzjarju f'Budapest, li minnu tgħaddi kull persuna suġġetta għal mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-awtoritajiet Ungeriżi, ma jmorrux kontra l-Artikolu 4 tal-Karta.

116 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-konsenja tal-persuna kkonċernata lill-awtoritajiet Ungeriżi tidher li ssir konformement mal-Artikolu 4 tal-Karta, ħaġa li hija madankollu l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

117 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 1(3), l-Artikolu 5 u l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tipprovdi l-provi tal-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fi ħdan l-istabbilimenti penitenzjarji tal-Istat Membru emittenti, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika l-eżattezza fid-dawl tal-informazzjoni aġġornata kollha disponibbli:

– l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax teskludi l-eżistenza ta' riskju reali li l-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, għar-raġuni biss li din il-persuna tiddisponi, fl-Istat Membru emittenti, minn proċedura ta' rimedju li tippermettilha tikkontesta l-kundizzjonijiet tagħha fil-ħabs, għalkemm l-eżistenza ta' tali possibbiltà ta' azzjoni tista' tittieħed inkunsiderazzjoni minn din l-awtorità sabiex tagħti deċiżjoni fuq il-konsenja tal-persuna kkonċernata;

– l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija marbuta teżamina biss il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fi ħdan l-istabbilimenti penitenzjarji li fihom ikun probabbli, skont l-informazzjoni li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, li l-imsemmija persuna tkun ser tinżamm, anki fuq bażi temporanja jew tranżitorja;

– l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tivverifika, għal dan il-għan, il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni konkreti u preċiżi tal-persuna kkonċernata li jkunu rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk hija tkunx ser tgħaddi minn riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta;

– l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti barra minn dik tal-awtorità ġudizzjarja emittenti, bħal, b'mod partikolari, l-assigurazzjoni li l-persuna kkonċernata ma tkunx ser tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta.

**Fuq l-ispejjeż**

118 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 1(3), l-Artikolu 5 u l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tipprovdi**

**l-provi tal-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fi ħdan l-istabbilimenti penitenzjarji tal-Istat Membru emittenti, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika l-eżattezza fid-dawl tal-informazzjoni aġġornata kollha disponibbli:**

- **l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax teskludi l-eżistenza ta' riskju reali li l-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għar-raġuni biss li din il-persuna tiddisponi, fl-Istat Membru emittenti, minn proċedura ta' rimedju li tippermettilha tikkontesta l-kundizzjonijiet tagħha fil-ħabs, għalkemm l-eżistenza ta' tali possibbiltà ta' azzjoni tista' tittieħed inkunsiderazzjoni minn din l-awtorità sabiex tagħti deċiżjoni fuq il-konsenja tal-persuna kkonċernata;**

- **l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija marbuta teżamina biss il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fi ħdan l-istabbilimenti penitenzjarji li fihom ikun probabbli, skont l-informazzjoni li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, li l-imsemmija persuna tkun ser tinżamm, anki fuq bażi temporanja jew tranżitorja;**

- **l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tivverifika, għal dan il-għan, il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni konkreti u preċiżi tal-persuna kkonċernata li jkunu rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk hija tkunx ser tgħaddi minn riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;**

- **l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti barra minn dik tal-awtorità ġudizzjarja emittenti, bħal, b'mod partikolari, l-assigurazzjoni li l-persuna kkonċernata ma tkunx ser tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.**

Firem